MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 330/2003/1

**Aplan Limited**

**vs**

**Emmanuel Bajjada**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Gunju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u sittin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm2,666.86) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija

mibjugha u debitament kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Frar 2003 u 6 ta' Mejju 2003, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma infondati kemm fid-dritt u fil-fatt peress illi l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut ma' hijiex skond il-ftehim pattwit u lanqas inhadmet skond l-ahjar regoli tas-sengha u l-arti;

Illi l-kumpanija attrici giet mitluba tigbor lura l-merkanzija taghha u madankollu baqghet inadempjenti;

Illi l-kumpanija konvenuta qieghda tecepixxi l-*exceptio non adempliti contractus;*

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti rispettivi tal-partijiet fol 70 u fol 76 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi, prodott mis-socjeta' attrici, xehed is-'sales manager' taghha Emvin Ebejer (fol 14 u fol 23 et seq ibid) u dan spjega li l-konvenut kien ghamel ordni ta' kcina wahda, fil-presenza tax-xhud u tad-'designer taghna' u "quddiemu sar id-disinn tal-kcina li xtaq il-konvenut". Dwar l-istess ordni x-xhud spjega li l-konvenut kien imghaggel

minhabba raguni ta’ safar fl-istess gurnata, is-26 ta’ Frar 2001 izda filghaxija kien irritorna u kkonferma l-ordni. Minhabba li kellu jsiefer il-konvenut kien gab mieghu lill-ibnu Victor Bajjada u dan stess kien qal lix-xhud li kien hu li “… ser jibda jiehu hsieb … in konnessjoni mal-ordni tal-kcina”. Hawnhekk presenti oltre l-konvenut u ibnu li ssemma’ kien hemm impjegat tal-konvenut bl-isem ta’ Martin Farrugia. Sussegwentement, jumejn wara, il-pjanti gew iffirmati, mhux mill-konvenut kif kien qal qabel, izda minn iben dan u dan jumejn wara. Inoltre fis-26 ta’ Mejju 2001, fotokopji tal-istess disinn ossija pjanta kif ffirmati kienu ntbaghtu ghand il-konvenut, fl-indirizz ta’ dan barra minn Malta xi zmien wara, kienu gew, ghand is-socjeta’ attrici, kienu mart il-konvenut kemm l-istess Victor Bajjada u dan in konnessjoni mal-kulur tal-bibien tal-istess kcina u fit-8 ta’ Gunju 2001, il-kcina tpoggiet fil-post fejn, hawn Malta, jirrisjedi l-konvenut. Pero fis-27 ta’ Gunju tal-istess sena’, l-imsemmi Martin Farrugia kien talab li jsiru “… xi affarijiet” fl-istess kcina konsistenti f’”… xoghol apparti u zejjed …” kif spjegat fl-istess xhieda, liema xoghol kien jammonta ghal “… kambjament maghmul …” fuq id-‘design’ originali”, waqt li l-istess impjegat kien iddeskriva x-xoghol li kien sar bhala “sabih” u minghajr “ebda, fil-fatt, ilment”. Pero, matul April 2002, kien sar, personalment mill-konvenut, ilment fis-sens, li l-kcina kienet saret “.. dejqa u kif spjegat fl-istess xhieda”. Ghalhekk ix-xhud kien mar fuq il-post u kien avesta ruhu illi “… kollox sar ezattament kif kien gie disenjat u skond il-pjanti”, izda meta kien wasal, il-konvenut u martu kienu staqsewh jekk kienx gie sabiex “… naqla’ l-kcina u ghalhekk ma tawnix l-opportunita’ sabiex nara x’kienet il-problema taghhom”. Inoltre hu specifika illi, fil-bidu nett bejn il-firma tal-kuntratt u l-istezura finali tad-disinn b’kollox jumejn, kienu ittiehdu l-qisien fuq il-post in kwistjoni minn ex-impjegat tas-socjeta’ attrici certu, David Cordina. In sostenn ta’ dan kollu l-istess xhud esebixxa diversi dokumenti (fol

26 sa fol 46 ibid) b'mod spjegali, l-pjanti ffirmati u accettati mill-klijent, precisament minn Victor Bajada, iben il-konvenut, kopja tal-ftehim, ffirmat ukoll minn Victor Bajada u annessi mieghu l-"conditions of sale" zewg ircevuti ta' pagamenti maghmulin mill-konvenut ammonanti ghal Lm1500 u aventi, bhala dati, s-26 ta' Frar 2001 u t-28 ta' Marzu 2001 u ordni ghal zewg bibien addizzjonali ffirmati mill-imsemmi Martin Farugia.  Jigi notatat ukoll li hemm ittra datata s-26 ta' Marzu 2001 indirizzata lill-konvenut fir-Renju Unit u li maghha kienu ntbaghatu l-annessi disinji, kopja tal-ftehim kif ffirmat u dokument ohrajn.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed (fol 50 u fol 67 et seq ibid) jsostni illi l-kcina, kif konsenjata, ma kienetx "skond kif ordnajtha jien".  Hawnhekk qed nirreferi ghal qisien" u in sostenn esebixxa serje ta' ritratti (fol 55 ibid) li, a bazi taghhom spjega l-allegati difetti.  Il-konvenut kompla jghid illi kien qal li ried il-kcina offerta hu kien irceva telefonata sabiex jhallas id-depositu ta' Lm1000 u filfatt kien intqal lilu "… ejja bil-flus u sal-Hamis (meta hu kellu jsiefer barra minn Malta) l-'isketch' tkun lesta". Difatti hu kien ha u hallas din is-somma izda ma gie muri ebda 'sketch' u dwar dan kien gie promess lilu illi l-istess 'sketch' kien ser jitlesta u jintbaghat lill-ibnu msemmi.  Meta dan ma kienx sar, skond dejjem l-konvenut, hu pprova jikkomunika mas-socjeta' attrici izda ghal xejn f'diversi okkazjonijiet sakemm, eventwalment kien ikkomunika max-xhud Emvin Ebejer u dan informah illi l-'isketch' kien ser jintbaghat.  Difatti dan kien ircevieh izda wara li l-kcina kienet di gja tpoggiet fil-post cjoe mhux sa Gunju skond kif miftehem izda matul Lulju.  Jigi notat illi l-'isketch' filfatt huma d-disinji gja esebiti mix-xhud, Emvin Ebejer (fol 56 et seq ibid).  Meta kien gie Malta u ra' l-kcina fil-post, hu kien ra d-difetti li kien spjega permezz tal-imsemmija ritratti esebiti u kien mar

skond is-socjeta' attrici u informaha illi "… ma rridhiex". Eventwalment inbaghatu tlieta minn nies u martu assenti hu, kienet qaltilhom, meta saret taf illi gew biex ".. jirrangawha", illi ".. l-kcina ma riedithix" u fil-fatt l-istess kcina ghadha fil-post. "… fejn giet stallata u kif giet stallata" u " …qed tintuza'.

In <u>kontroesami</u>, hu qal ukoll illi fil-post fejn l-istess kcina kellha tigi stallata, hu kien ltaqa' mas-'salesman' "… xi darbtejn" u hawnhekk hu kien wera lil dan ".. kif ridt il-kcina" u "… l-istess 'salesman' ha l-qisien". Dwar ibnu, hu qal li dan "… ma ha hsieb xejn" u "ma inkarigajt lil hadd jiehu hsieb l-affarijiet teighi hawn Malta" izda wara qal ukoll illi in rigward "xi 'extra work' in konnessjoni ma xi 'handes' " hu kien inkariga lill-ibnu deskritt minnu bhala wiehed li "… ma jifhimx f'dan ix-xoghol" sabiex jiffirma f'ismu (ara ukoll ix-xhieda ta' certu "<u>Michael Bajada</u>" a fol 64 u fol 65 ibid u li semma ghall-ewwel darba f'dawn il-proceduri lil hu l-konvenut bl-isem ta' "Charlie"). L-istess konvenut, in <u>kontroesami ulterjuri</u>, dwar dejjem l-'sketch', sahaq din id-darba, illi dan kien ircevih fl-Ingilterra "… qabel ma giet imwahhla l-kcina fil-post" u, skond hu, l-'sketch' ma kienx ghogbu, minghajr ma ta' spjegazzjoni ulterjuri ghal dan, u kien pprova jaghmel kuntatt ma' Emvin Ebejer, wara li tpoggiet fil-post. Inoltre hu zied jghid li, filfatt, hu kien halla lis-socjeta' attrici tpoggi l-kcina fil-post peress li "… fil-pjanta … ma hemmx indikat li wiehed (1) minhabba x-xoghol kif sar ma setax jidhol fil-kcina".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, premessi l-fatti u allegazzjonijiet in esami, l-konvenut qed jeccepixxi illi l-ammont bilancjali in kwistjoni ma hux dovut peress li l-kcina ordnata <u>ma saritx skond il-ftehim pattwiti u skond l-ahjar regoli tal-arti u s-sengha</u>. Pero jigi rilevat minnufh li avolja l-konvenut xehed li hu ried li s-socjeta'

attrici tiehu lura l-istess kcina din xorta wahda ghadha stallata fil-post u qed tintuza minnu. Difatti l-konvenut, jekk verament u genwinament ma riedx jaccetta l-istess kcina kellu r-rimedju ordinarju, f'kaz li s-socjeta' attrici kienet irrifjutat li taghmel dan, hu kellu r-rimedju illi jiddeposita l-istess kcina taht l-Awtorita' tal-Qorti sabiex jesimi ruhu minn kull responsabilta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-ftehim bejn il-partijiet irrisutla, b'mod car, illi dan kien gie ffirmat minn ibnu, Victor Bajjada, u, minhabba li hu jdum imsiefer barra, minn Malta, kien halla kollox f'idejn l-istess ibnu u habib tieghu, Michael Bajada (jew Martin Farrugia?). In rigward l-istess kcina, Emvin Ebejer xehed illi l-istess kcina ordnata giet konsenjata skond d-disinji maghmula mis-socjeta' attrici u ffirmati, flimkien mal-ftehim, minn ibnu. Dwar dan il-konvenut allega illi kien qed jilmenta dwar il-qisien tal-istess kcina kif esegwita. Fil-fehma tal-Qorti, din semplicient ma gietx pruvata skond kif trid il-ligi, fuq bazi ta' probabilta izda tista biss tibqa' allegazzjoni ibbazata fuq provi li bl-ebda mod ma jistghu jigu konsiderati bhala imparzjali jew indipendenti. Dwar dan hu minnu li gew esebiti ir-ritratti msemmija izda minhom, il-Qorti ma tarax illi, effettivament, hemm xi difett in rigward il-qisien tal-istess kcina li di gja nghad, jidher li qed tintuza ghall-iskop intiz ghaliha.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jidher li din l-azzjoni tirreferi ghan-nuqqas tal-konvenut sabiex jhallas il-bilanc tal-prezz mhix imhallas, mill-konvenut. Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-ftehim in esami hu wiehed ta' kompravendita. Dan jirrisulta, b'mod car, mill-ftehim esebit fl-atti a fol 37 u fol 38 fejn hemm intestat "conditions of sale" u l-konvenut hu deskritt bhala "the Purchaser". Hu minnu illi

> diversi minn dawn il-kundizzjonijiet jiffavorixxu, b'mod esagerat lis-socjeta' attrici, fatt li jidher evidenti mill-istess ftehim. Dwar dan hu bizzejjed li tigi, msemmija l-kondizzjoni illi f'kaz ta' "claims" dawn ghandhom jingiebu a konjizzjoni tas-socjeta' attrici fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha mill-konsenja tal-oggett jew oggetti in kwistjoni.
>
> Illi dan premess u konstatat illi dan il-kaz trattasi ta' bejgh u mhux appalt, kif jidher ukoll mill-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenut (…"l-merkanzija mibjugha u konsenajta"), il-Qorti tara li l-kcina in esami saret skond kif miftiehem bejn il-partijiet u giet hekk konsenjata u filfatt qed tintuza mill-konvenut. Illi, ghalhekk, ma jidhirx li hu gustifikat, il-konvenut, sabiex ma jhallasx il-bilanc li ghadu dovut minnu fuq il-prezz risultanti mid-dokumenti a fol 40 sa fol 46 tal-atti.
>
> Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,666.86 ossija €6212.11 bl-imghax legali mid-data tal-avviz cjoe mill-20 ta'Gunju2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-28 ta' Frar 2003 u tas-6 ta' Mejju 2003.**"**

L-aggravji ewlenin tal-konvenut appellanti di fronte ghal din is-sentenza huma fis-sens infraskritt:-

(1) L-ewwel Qorti kellha fuq il-bazi tal-provi tasal ghall-konkluzjoni illi l-kontrattazzjoni bejn il-kontendenti ma kienx wiehed sempliciment ta' bejgh izda ta' appalt. Huwa jissottometti illi l-ordni minnu pjazzata ghall-kcina kienet wahda bazata fuq *specifications* u dizinji partikolari maghzula jew maqbula minnu. Jissottometti inoltre illi dik ikkonsenjata lilu ma kienetx konformi ghal dawk il-karatteristici ghaliex kellha bosta difetti u mhux skond l-arti u s-sengha;

(2) Huwa ma kellux ibati l-ispejjez tal-kawza;

Certament illi b'dak l-ewwel ilment tieghu, l-appellanti qieghed jikkontesta l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti li ddeterminat illi l-ftehim bejn il-partijiet hu wiehed ta' kompro-vendita in bazi tad-dokument intitolat "Conditions of Sale" (fol. 38), sottofirmat mill-appellanti u li f'dak id-dokument hu deskritt bhala "Purchaser". Naturalment, kif kien mistenni, fl-istess kuntest l-appellanti jikkwerela wkoll id-deduzzjoni ta' l-ewwel Qorti li stabbilit, in bazi ghal dak l-assunt l-iehor taghha, illi l-kcina in ezami saret skond kif appattwit b'dak il-ftehim ta' bejgh;

Hu taghlim siewi u antik illi "*la natura di un contratto e gli effetti legali che ne risultano non si determinano dalla sua denominazione, o dalla qualita` assunta dai contraenti, ma dalla sostanza dello stesso, e dallo scopo, che ne fanno riferenza, se ve ne sono*" ("**Negte Stelliano Zicalaki -vs- Comte. Gio Batta Galea**", Qorti tal-Kummerc, 2 ta' Jannar, 1890). Ghaldaqstant, issokta jigi deciz illi "ghalkemm il-partijiet jaghtu lill-ftehim xbiha ta' figura guridika, hija l-Qorti li ghandha tara fil-fatt x'ghamlu u fuq is-sostanza li tirrizulta tapplika n-*nomen juris* u l-ligi" ("**Robert Borg -vs- Francesco Abela**", Appell Kummercjali, 16 ta' Dicembru, 1949). Maggorment, dan jinhass b'aktar qawwa fil-kontroversja fejn il-Qorti tkun konfrontata minn negozju li jipprezenta fih il-karatteristici sija tal-bejgh kif ukoll ta' l-appalt jew *locatio operis*. F'kaz bhal dan jinkombi fuq il-Qorti li tezamina dak in-negozju billi tassoggettah ghad-dixxiplina unitarja tal-kuntratt u tirricerka minnu liema huma dawk l-elementi li ghandhom jitqiesu l-aktar prevalenti;

Din il-Qorti kif presjeduta mhux l-ewwel darba li affrontat kwestjoni bhal din b'dawk l-istess karatteristici. Inghad ad ezempju illi "meta tinsorgi kontroversja dwar il-klassifikazzjoni guridika tal-ftehim bejn il-partijiet, u jekk dan hux wiehed ta' bejgh jew ta' appalt, il-gudikant ghandu jkun gwidat minn dawn il-fatturi, u cjoe: (i) is-sostanzjalita` tal-ftehim; (ii) il-prevalenza ta' l-elementi

kostitutivi tieghu fil-fattispeci, ossija jekk ghandux aktar ingredjenti fih, tipici ta' dawk "*di fare*" jew "*di dare*". Koncettwalment, ezercizzju bhal dan jimporta konsiderazzjoni oggettiva ta' l-elementi tal-ftehim aktar milli wiehed ihares lejn dik li setghet kienet l-intenzjoni tal-kontraenti, kif hekk kien gie ravvizat fis-sentenza fl-ismijiet "**Negte George Camilleri *nomine* -vs- Joseph Mamo *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu, 1951." Ara "**C. Fino & Sons Ltd -vs- Mario Gauci *et***", Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju, 2007;

Fil-partikolari, imbaghad, gie pprecizat, dejjem minn din l-istess Qorti, illi "huwa pacifiku illi l-kuntratt ta' opra jiddifferenza ruhu minn dak ta' bejgh ta' haga futura minhabba l-prevalenza f'ta' l-ewwel ta' l-obbligazzjoni '*di facere*' fuq dik '*di dare*'. Jigifieri l-element karatterizzanti ta' l-ewwel hi l-attivita` adoperata biex issir il-haga, mentri fil-komprovendita hu l-oggett innifsu. Tezisti l-ewwel ipotesi meta l-oggett jigi konfezzjonat jew prodott in konsegwenza ta' kuntratt specifiku; *ad exemplum*, il-hajjat li jaghmel libsa skond l-ordni tal-klijent. Invece fit-tieni kaz, l-oggett isir in esekuzzjoni ta' pjan ta' produzzjoni prestabbilit u indipendentement mill-konkluzjoni ta' xi ftehim partikolari; *ad exemplum*, vettura li tigi manufatturata mhux skond ordni singolari izda in konformita` ma' pjan generali ta' produzzjoni". Ara "**International Tentage Textiles Industries Limited -vs- Andreas Gerdes**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 22 ta' Gunju, 2005;

Il-provi juru li fil-kaz prezenti l-konvenut ippjazza ordni ghal manufattura ta' kcina skond disinn specifiku (fol. 26 sa fol. 28), pjanti (fol. 30 sa fol. 36) u *specifications* partikolari. Dan jistqarruh sija ix-xhud Emvin Ebejer (fol. 14) ghas-socjeta` attrici u sija l-konvenut (fol. 50). B'dawn il-karatteristici, u wkoll fil-presenza ta' dokument intitolat "Conditions of Sale", din il-Qorti kkonfermat il-konkluzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar li kkwalifika l-kontrattazzjoni bejn il-partijiet bhala wahda ta' appalt. Ara "**Casa d'Arte Limited -vs- Charles Bristow *et***", 18 ta'

Ottubru, 2006. Dan ghamlitu fuq l-istregwa tad-decizjoni hemm citata fl-ismijiet "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech *et***", Appell Kummercjali, 26 ta' April 1988 u s-sentenza tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** tal-21 ta' Gunju, 2000, Numru 8445;

Jinzel mill-konsiderandi ta' dawn id-decizjonijiet riferenzjati u mill-apprezzament tal-provi attendibbli illi l-ewwel Qorti ma kienetx korretta meta ddefiniet il-ftehim bhala wiehed ta' bejgh, trattasi li l-fattezzi tal-kaz kellhom aktar mill-konfigurazzjoni ta' appalt jew ta' *locatio operis*;

Il-konkluzjoni hekk raggunta tqieghed certament quddiem il-Qorti konsiderazzjonijiet ben diversi minn dawk ragonati mill-ewwel Qorti. *Inter alia,* jekk ix-xoghol appaltat huwiex, jew le, konformi ghar-regoli tas-sengha u ta' l-arti, u jikkontejnix, kif hekk kontez mill-appellanti, id-difetti "gravi" iddikjarati minnu bis-sostenn tar-ritratti esebiti, dwar liema huwa seta' jopponi, kif hekk ghamel bit-tieni eccezzjoni, l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li sartilu ghall-hlas. Ara b'illustrazzjoni s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Ivan Borg *proprio et nomine* -vs- George Aquilina *et***" 19 ta' Ottubru, 2005, u dawk tal-principji guridici l-aktar saljenti f'materja ta' appalt, elenkati f'decizjonijiet bhal "**Pierre Darmanin -vs- Moira Agius**", Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2004 u "**John Borg *et* -vs- Emanuel Galea**", Appell Superjuri, 19 ta' Mejju, 2009;

Wisq logikament, din il-Qorti jidhrilha li tkun pruzuntuza, konsiderat il-limitazzjoni teknika taghha, illi tiddetermina, sempliciment fuq l-istregwa tal-provi u tar-ritratti, l-ezistenza, o meno, tad-difetti, u dik ta' l-entita` taghhom. Ezercizzju bhal dan ghandu jigi kondott minn espert tekniku fil-materja li jkun nominat mill-ewwel Qorti wara r-rimessjoni lura lilha ta' l-atti, kif fil-fatt ser isir. Dan anke ghaliex ma jkunx gustifikat li l-partijiet jitilfu l-beneficcju tad-*doppio esame*.

Ghal motivi premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet maghmula qeghda tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti biex wara li tinnomina perit tekniku ghall-ezami ta’ l-allegati difetti tghaddi ghad-definizzjoni u decizjoni tal-kaz skond il-ligi. Fic-cirkostanzi l-ispejjez s’issa inkorsi taz-zewg istanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------